MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2003

Numru. 694/2002

**Il-Pulizija**
**(Sp. Bernard Zarb)**

**v**

**Michael Cachia ta' 41 sena bin Joseph u Theodora nee Bugeja mwieled il-Mosta, fil-25 ta' April, 1961, residenti 32, Triq ta' Masrija, Mellieha, detentur ta' karta ta' l-identita' Bin-numru 301461 M.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Michael Cachia li gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer fit-2 ta' Awissu, 2002 u fiz-zmien ta' qabel, f'Birkirkara u fi bnadi ohra ta' dawn il-gzejjer b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru

l-istess dispozizzjoniji tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

(1) xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghall-bejgh jew importa ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema mxebbhin b'qerq u cioe t-shirts tal-marka Miss Sixty u dan bi ksur ta' artikolu 298 (1)(f) tal-kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
(2) Bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor ipproduca jew ikkopja jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex iqassam xi artiklu jew xihaga ohra t-shirts tal-marka Miss Sixty bi ksur ta' jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u cioe l-One Fashion Limited u socjetajiet ohra, li taghhom is-socjeta Ganado & Associates Advocates rapprezentata min Dr Anthony Cremona et hija rapprezentanti, protetti bil-jew taht il-ligi ta' Malta, u dan bi ksur tal-artikolu 298B(1) tal-Kapitlu 9 tal-Ligjiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji.

Rat li l-akkuzat irregistrat li ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali procedura.

Ikkonsidrat

Illi in vista ta' l-ammissjoni ta' l-akkuzat qed issibu hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu. Wara li rat l-artikoli k298 (1)(f), 298(B)(1) tal-Kap 9, LN 120/92 kif ukoll l-artikoli 17 tal-Kap 9.

Dwar il-piena semghet it-trattazzjonijiet fit-tul in partikolari dik tal-parte civile li ghandha ragun meta qalet li oggetti foloz hwejjeg f'dan il-kaz jaghmlu dannu kbir ghal kummerc u jikkreaw konkorrenza zleali pero' ma tistax il-Qorti temmen li sakemm ma tkunx persuna li verament ma tapprezzax il-valur taz-zewg ditti in kwistjoni, ma jistax jitwemmen li hemm Nike kif ukoll Miss Sixty jinxtraw jekk veru huma tad-ditta ghal prezz mizeru ta' Lm 2.30. Certament dan il-prezz hekk mizeru huwa ndikattiv li dak li

qed jinxtara mhux dak li qed jirraprezenta. Oltre hekk kif jidher mill-atti giet esebita kwerela wahda biss in konnessjoni mad-ditta “Miss Sixty” u ma giet esebita ebda kwerela tad-ditta Nike.

Ghaldaqstant dwar il-piena rat anke n-nota esebita mid-Difiza fejn gew esebiti zewg sentenzi sahansitra anke wahda ta’ din il-Qorti kif preseduta, kkonsidrat ukoll l-ammissjoni bikrija ta’ l-akkuzat, fi stadju ta’ interrogatorju, rat il-fedina penali ta’ l-akkuzat, rat l-art 9 Kap 152 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien 18-il xahar mil-llum. Tordna wkoll il-konfiska tal-hwejjeg esebiti biss fil-konfront ta’ dawk li jikkoncernaw Miss Sixty.

-------------------------------TMIEM-------------------------------